MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Numru. 963/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**
**VS**
**ANNIE CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Annie Calleja ta' 55 sena, bint Anthony u Maria nee' Cachia, mwielda 11 ta' Jannar 1957 Naxxar, residenti 35, Pjazza Darnino Naxxar u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 105557M ;

Talli f' dawn il- Gzejjer nhar is- 7 ta' Mejju 2010 ghal hjabta ta' 11.40am minn gewwa MCAST canteen, Naxxar;

1) ikkommettiet serq ta' €33 fi flus kontanti, diversi pakketti ta' sigaretti, diversi cards tal- mobile u x' oggetti

ohrajn, ghand- dannu ta’ Joseph Micallef, liema serq huwa kkwalifikat bil- persuna u bil- valur li jaqbez €232.94 izda li ma jaqbizx €2,329.37;

2) u aktar talli bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l- Ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandha, gieghlet, bl- awtorita’ taghha nfisha lil xi hadd ihallas dejn, jesegwixxi obbligazzjoni, tkun lit kun, jew fixklet lil xi hadd fil- pussess ta’ hwejgu, hattet bini, kiser il-mix ital- ilma jew hadet l- ilma ghaliha jew b’ xi mod iehor il- Ligi ndahlet fi hwejjeg haddiehor u cioe’ zammet ghandha s- somm ta’ €382 fi flus kontanti u dan ai terminu ta’ Joseph Micallef;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi mil-provi prodotti, irrisulta li dan il-kaz kien jittratta l-ezempju klassiku tar-reat ta’ ragion fattasi. L-imputata kellha argument mas-sid tax-xoghol taghha, u hi qabdet u telqet mix-xoghol wara li nqala’ argument, u hadet maghha ammont indeterminat ta’ flus u xi oggetti zghar ohra. Hi kienet tahdem fil-*canteen* tal-MCAST gewwa n-Naxxar, u meta nqala’ l-incident in kwistjoni, peress illi kien ghad kellha tithallas xi pagi mis-sid tax-xoghol, qabdet u hadet il-ligi b’idejha biex tithallas direttament, minn flok tistenna li tithallas jew tiehu riskju li tispicca minghajr tali hlas.

Fil-waqt li l-Qorti qatt ma tista’ tiskuza agir illegali bhal dan, tista’ tifhem u tissimpatizza l-posizzjoni li sabet ruhha fiha l-imputata, minhabba f’nuqqas ta’ qbil mas-sid tax-xoghol u ma’ ibnu. Madankollu, xorta hu reat ta’ portata u ghandu jigi kkundannat skond il-ligi. L-imputata tressqet fuq zewg reati ghall-istess fatt, fejn kellha twiegeb ghar-reat ta’ serq u dak ta’ ragion fattasi. L-elementi tas-serq

ma jinkwadraw xejn f'dan il-kaz, izda kif gia' spjegat il-Qorti aktar 'il fuq, jinkwadra r-reat l-iehor. Ghalhekk l-imputata ser tigi lliberata mil-ewwel imputazzjoni, u sejra tinstab hatja tat-tieni. Kwantu ghall-piena, il-Qorti rat li hemm indoli civili bejn il-partijiet, u ghalhekk m'hix ser tillikwida l-valur ta' flus li gie nieqes lill-parti leza, anke ghax dan l-ammont ma giex stabbilit fil-provi. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tal-fedina penali netta taghha, l-imputata ser tinghata sanzjoni fil-komunita', li ghal kaz bhal dan in esami ghandu jkun sufficjenti minn flok piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, u 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibiex hatja tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tilliberaha, issib lill- imputata hatja tat- tieni (2) akkuza u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------